MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**DAVID SCICLUNA**

Seduta tat-3 ta' Dicembru, 2004

Appell Kriminali Numru. 150/2004

**Il-Pulizija**

**v.**

**Rachel Tua**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Rachael Tua talli:

a) fis-26 ta’ Frar 2004, ghall-habta tan-12.30 a.m. f’St. Andrew's Road St. Julians, saqet vettura nru. IBF-773 b’manjiera traskurata;
b) b’manjiera perikoluza ;
c) waqt li kienet qed issuq l-istess vettura qasmet il-linji doppji bojod kontinwi;
d) kif ukoll saqet jew ipprovat issuq jew kellha l-kontroll ta’ vettura nru. IBF-773 fit-triq jew f’post pubbliku

meta ma’ kinitx f’kundizzjoni li ssuq minhabba xorb jew drogi;
e) irrifjutat jew naqset milli taghti skond il-ligi kampjun tan-nifs;
f) u aktar kisret il-bon ordni tal-paci pubblikab’ghajjat jew b’xi mod iehor;
g) u ma hallietx jew fixklet lill-pulizija waqt li kienu qed jaghmlu dmirijiethom jew b’xi mod iehor, bla jedd indahlet fi dmirijiethom, billi ma hallietx lill-pulizija jaghmlu dak li bil-ligi jkunu ordnati jew jistghu jaghmlu;
h) u ingurjat jew insulentat u heddet lill-ufficjali pubblici, cioe` ufficjali tal-korp tal-pulizija, persuni nkarigati skond il-ligi minn servizz pubbliku, waqt li kienu jaghmlu jew minhabba li kienu ghamlu dan is-servizz jew bil-hsieb li tbezzaghhom jew li tinfluwixxi fuqhom kontra l-ligi fl-esekuzzjoni ta’ dak is-servizz;

Il-Qorti giet mitluba li minbarra li taghti l-piena stabbilita f'kaz ta' htija tordna li l-imsemmija Rachel Tua tigi skwalifikata minn kull licenzja tas-sewqan ghal perijodu li l-Qorti jidhrilha xieraq;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tas-7 ta’ Lulju 2004 li permezz taghha dik il-Qorti sabet lill-imsemmija Rachael Tua mhux hatja ta' l-ewwel, it-tieni, it-tielet u r-raba' imputazzjonijiet u lliberatha minnhom izda sabitha hatja tal-hames, tas-sitt, tas-seba' u tat-tmien imputazzjonijiet u kkundannatha ghall-hlas ta' multa ta’ (Lm250) mitejn u hamsin liri maltin u ghall-iskwalifika tal-licenzja tas-sewqan ghal perjodu ta’ sitt xhur;

Rat ir-rikors ta’ appell ta' l-imsemmija Rachel Tua pprezentat fil-15 ta’ Lulju 2004 li permezz tieghu talbet li din il-Qorti tirriforma is-sentenza appellata fis-sens illi filwaqt li tikkonferma l-istess kwantu ghall-ewwel, it-tieni, it-tielet u raba’ imputazzjonijiet fejn hija giet illiberata, thassar, tirrevoka u tannulla dik il-pati tas-sentenza fejn giet misjuba hatja tal-hames, sitta, seba’ w tmien imputazzjonijiet, u hekk tilliberaha minn kull imputazzjoni u htija;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet il-provi u t-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

Qabel xejn irid jigi osservat li meta din il-Qorti ezaminat is-sentenza appellata, irrizultalha li f'dik is-sentenza ma gewx citati l-artikoli tal-ligi skond l-artikolu 382 tal-Kodici Kriminali. Dan l-artikolu jipprovdi hekk:

**"Il-qorti, meta taghti s-sentenza kontra l-imputat, ghandha tghid il-fatti li taghhom dan ikun gie misjub hati, taghti l-piena u ssemmi l-artikolu ta' dan il-Kodici jew ta' kull ligi ohra li tkun tikkontempla r-reat".**

Dan hu nuqqas ta' formalita` sostanzjali fis-sens tas-subartikolu (3) ta' l-artikolu 428 tal-Kodici Kriminali liema nuqqas, skond gurisprudenza kostanti ta' din il-Qorti, jista' jigi ssollevat mill-Qorti *ex officio* anke jekk l-appellant ma jilmentax min-nullita` tas-sentenza.[1]

Ghaldaqstant din il-Qorti qed thassar u tannulla s-sentenza appellata u, fit-termini ta' l-artikolu 428(3) tal-Kodici Kriminali, ser tghaddi biex tiddeciedi l-kawza fuq il-mertu.

Din il-Qorti effettivament semghet ix-xiehda jiddeponu u tistqarr bla ezitazzjoni li dwar l-ewwel erba' imputazzjonijiet ma ngabet l-ebda prova biex tissostanzjahom. Ir-*road accident report* (a fol. 4) mhijiex certament l-ahjar prova u l-unici zewg xhieda tal-prosekuzzjoni tista' tghid ikkoncentraw unikament fuq dak li sehh wara li accedew fuq il-post biex jinvestigaw il-kollizjoni aktar milli fuq id-dettalji tal-kollizjoni nnifisha. Ghalhekk l-ewwel erba' imputazzjonijiet ma jirrizultawx.

Dwar il-hames imputazzjoni, cioe` li l-appellanti rrifjutat jew naqset milli taghti kampjun tan-nifs skond il-ligi, din il-Qorti tirreferi ghal dak li gie deciz minn din il-Qorti

[1] Ara per ezempju Appell Kriminali **Il-Pulizija v. Anthony Zahra**, 26 ta' Mejju 1994, Vol. LXXVIII.v.244.

diversament presjeduta fis-sentenza taghha fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Julian Sciberras** moghtija fit-13 ta' Marzu 2001 fis-sens li r-reat kontemplat taht is-subartikolu (4) ta' l-artikolu 15E tal-Kap. 65 jikkonfigura ruhu biss meta dak li jkun jirrifjuta li jaghti z-zewg kampjuni tan-nifs taht l-artikolu 15E(1)(a) ta' l-istess Kap. 65 wara li jkun aktar qabel ikun ukoll irrifjuta li jaghti l-kampjun fit-triq lill-Pulizija. Dan ghaliex ghar-rifjut originali hemm biss ir-rimedju ta' l-arrest ta' dak li jkun skond l-artikolu 15D paragrafu (b) tal-Kap. 65 u dan minnu nnifsu ma jammontax ghal reat per se.

Fil-kaz in ezami jirrizulta li l-appellanti giet mitluba taghmel test tan-nifs fit-triq. Ghalhekk anke jekk stess irrifjutat taghmlu, tali rifjut ma jammontax ghal reat. Konsegwentement il-hames imputazzjoni ma tirrizultax.

Dwar is-sitt imputazzjoni, mill-provi mismugha u senjatament mix-xhieda tal-prosekuzzjoni stess, ma jirrizultax li l-appellanti kisret il-bon ordni u l-paci pubblika b'ghajjat. X'inhu l-mod iehor li allegatament kisret il-bon ordni bih ma giex specifikat u hadd ma fil-fatt allega li hija kisret tali bon ordni b'xi mod iehor. Ghalhekk anke din is-sitt imputazzjoni ma tirrizultax.

Kwantu ghas-seba' u tmien imputazzjonijiet jidher li meta l-pulizija accedew fuq il-post fejn kienet sehhet il-kollizjoni, inqala' certu dizgwid kemm minhabba l-kwistjoni tat-test tan-nifs kif ukoll minhabba xi dettalji ta' l-investigazzjoni. W.P.S. 131 Nicolette Leotta tghid li wara li l-appellanti rrifjutat taghmel it-test tan-nifs, infurmat lill-appellanti li dak huwa reat. Kif diga` gie accennat aktar 'il fuq dan kien zbaljat peress li tali rifjut mhuwiex reat u dak li l-pulizija setghet taghmel kien li tarresta lill-appellanti. Qalet li l-appellanti ma riditx titkellem maghhom imma ma' l-ufficjali taghhom u li l-appellanti qaltilha li ser tkellem mill-mobile lill-Ministru Tonio Borg jew lill-Kummissarju tal-Pulizija kif ukoll li qalet lix-xhud biex iccempel lis-Supretendent Patrick Spiteri li dak iz-zmien kien is-Supretendent tad-Distrett. Izda ftit qabel kienet xehdet li hadet il-verzjoni taz-zewg xufiera, inkluz mela dik ta' l-appellanti. Ix-xhud tghid ukoll li l-appellanti flimkien ma' membri tal-familja

taghha bdew jghidulhom hafna affarijiet, fosthom li huma njoranti, u li ma jafux il-ligi. Inoltre baqghet tirrifjuta taghmel it-test tan-nifs anke wara li cemplet lill-Avukat. L-istess jghid P.S. 547 Martin Agius li jzid jghid li hin minnhom insulentathom bl-uzu ta' kliem *"you f…officers"* .

L-appellanti xehdet li ghal bidu ma riditx li taghmel it-test tan-nifs hi biss u talbet lil W.P.S. 131 biex tiehu tax-xufier l-iehor ukoll u din qaltilha biex ma tindahlilhiex. Hija cemplet lill-Avukat taghha, Dott. Beppe Fenech Adami biex issaqsieh dwar it-test li kien qieghed jigi mitlub lilha li tiehu u huwa qallha biex taghmlu. L-appellanti tghid li mbaghad qalet lil W.P.S. 131 biex taghmel it-test izda din wegbitha "Issa rrifjutajt" u l-pulizija telqu minghajr ma ghamlulha t-test. Il-genituri ta' l-appellanti wkoll jghidu li l-pulizija f'daqqa wahda qabdu u telqu. Fil-fehma ta' din il-Qorti ma jaghmilx sens li ccempel lill-Avukat tieghek ghal parir, jaghtik parir u ma ssegwiehx. Ghalhekk jidher verosimili dak li xehdet l-appellanti. Hija qalet li l-unika persuna li semmiet kien is-Supretedent Patrick Spiteri sabiex jintalab jigi fuq il-post u jisma' l-verzjoni taghha. L-appellanti cahdet li b'xi mod insulentat lill-pulizija u li uzat il-kliem allegat fil-konfront taghhom.

Din il-Qorti ghalhekk hi tal-fehma li, wara li semghet il-provi kollha u ghamlet anke konfronti bejn ix-xhieda, mill-assjem tal-provi hemm dubju ragjonevoli dwar il-htija ta' l-appellanti fir-rigward tas-seba' u t-tmien imputazzjonijiet. Ta' min izid jghid fil-fatt li fuq il-post kien hemm diversi nies, inkluzi familjari ta' l-appellanti, u dak li forsi sar minn xi membru tal-familja ma ghandux jigi b'xi mod addebitat lill-appellanti.

Ghal dawn il-motivi:

Tiddisponi mill-appell billi, wara li tannulla s-sentenza appellata ghar-ragunijiet fuq imsemmija, tiddeciedi l-kawza mill-gdid fil-mertu billi tiddikjara lill-appellanti mhux hatja ta' l-imputazzjonijiet kollha dedotti kontra taghha u minnhom tilliberaha.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------